TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 245

KAZ NRU 340

Fit-tilwima tax-xoghol
bejn
il-General Workers' Union
(Taqsima Port u Trasport)
u
l-Air Supplies & Catering Co Ltd

dwar is-sospensjoni tas-Sur
Louis Sapiano

Data: 30 t'Ottubru, 1985

CHAIRMAN: ANTHONY J BARTOLO MIEEE, TEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM.
MEMBRI: PAUL CAMENZULI BA(Gen), BA(Hons), MA, MRIPA.
ARMANDO SEYCHELL

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar is-26 ta' Lulju, 1984 skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 26(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u skond il-provvedimenti ohrajn tat-Taqsima III ta' l-istess Att XXX ta' l-1976 li ghandhom x'jaqsmu mat-temm obbligatorju ta' tilwim ta' xoghol.

(2) It-Tribunal Industrijali zamm sebgha (7) seduti.

(3) It-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers Union kienet irraprezentata mis-Sur Alphonse Caruana, Segretarju tat-Taqsima li kien mejjun mis-Sur Charles Briffa, Officjal tal-General Workers' Union u s-Sur Louis Sapiano.

Il-Kumpanija, Air Supplies & Catering Company Limited kienet irraprezentata mis-Sur Lawrence Mizzi, BA, Personal Assistant to the Chairman, u s-Sur J Mamo, General Manager tal-Kumpanija.

2. SOTTOMISSJONIJIET PRELIMINARI

(1) It-Tribunal Industrijali hass li l-essenza tal-materja tal-kaz qeghda fit-'Terms of Remit' tal-General Workers' Union u fir-refjut ta' dan imressaq mill-Kumpanija. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali ma hasx il-bzonn li jirrelata s-Sottomissjonijiet Preliminari f'aktar dettal milli jidher hawn taht specjalment meta kull min hu nteressat aktar f'dettal tal-kaz jista' jigbor l-informazzjoni kollha mir-Registru tal-Qorti tal-Kummerc.

(2) It-'Terms of Remit' tal-General Workers' Union, sottomessi mis-Sur Alphonse Caruana, Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport, kienu:

> "Illi t-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers' Union qatt ma accettat is-sospensjoni mix-xoghol minghajr hlas ghall-perjodu ta' tliet xhur, liema perjodu kien mid-29 t'Awissu, 1983 sad-29 ta' Novembru, 1983. Il-Union titlob li s-Sur Sapiano ghandu jithallas il-paga kollha mitlufa, inkluz qliegh iehor li kien lilu dovut u li ma titnizzel l-ebda rimarka fil-file personali li tista ttebba l-kondotta tieghu'.

(3) Il-Kumpanija, Air Supplies and Catering Co Ltd, irraprezentata mis-Sur Lawrence Mizzi, Personal Assistant to the Chairman, issottomettit li s-sospensjoni tas-Sur Louis Sapiano mill-Kumpanija bhalma jidher mill-ittra tat-22 ta' Settembru, 1983 kienet gusta u ragonevoli u li l-Kumpanija kienet gusta fid-decizjoni taghha.

3. XHIEDA

(1) Generali

Fl-ewwel seduta li nzammet fit-3 ta' April, 1985 xehed Alfred Agius, prodott mill-General Workers' Union.

Peress li l-ebda parti tax-xhieda ta' Alfred Agius ma kienet okkulari, ghaliex kif qal ix-xhud innifsu "ma ra xejn", it-Tribunal Industrijali ddecieda li x-xhieda ta' Alfred Agius ghandha tithassar u ma tigiex meqjusa.

(2) <u>Prodotti mill-General Workers' Union (kif dehru)</u>

Is-Sur Louis Sapiano
Is-Sinjura Marthese Sapiano
Is-Sur Leo Bartolo
Is-Sur Charles Mercieca
Is-Sinjorina Jane Rizzo
Is-Sur Harry Underwood
Is-Sur Benedict Bartolo
Is-Sur Alphonse Caruana

(3) <u>Prodotti mill-Kumpanija (kif dehru)</u>

Is-Sur Joseph E Mamo
Is-Sur Louis Sapiano

(4) <u>Prodotti mill-General Workers' Union u l-Kumpanija</u> (kif dehru)

Is-Sur Manwel Cassar
Is-Sinjorina Angela Psaila
Is-Sinjorina Marthese Bonnici
Is-Sur George Holland

(5) <u>Prodotti mit-Tribunal Industrijali (kif dehru)</u>

Dott Alfred Bonnici, M.D.
Police Sargeant Anthony Zammit

(6) Fir-raba seduta, mizmuma fis-27 ta' Mejju, 1985, sar konfront bejn ix-xhieda li isimhom jidher hawn taht:

Is-Sur Joseph E Mamo
Is-Sur Louis Sapiano
Is-Sinjura Marthese Sapiano
Is-Sur Leo Bartolo
Is-Sur Manwel Cassar

(7) Sa din is-seduta, it-Tribunal kien ordna li 'transcript' tax-xhieda ma kellux jigi mqassam lill-partijiet u li s-Sur Joseph E Mamo u s-Sur Louis Sapiano ma joqghodux fl-Awla.

.../4

F'din is-seduta u wara l-konfront tax-xhieda, it-Tribunal Industrijali ppermetta li 'transcripts' jigu mqassmin u li s-Sur Mamo u s-Sur Sapiano setghu jibqghu fl-Awla waqt il-kumplament tas-smiegh tal-kaz.

4. DOKUMENTI

(1) Il-General Workers' Union ipprezentat zewg dokumenti li kienu s-Sottomissjonijiet Preliminari u s-Sottomissjonijiet Finali li gew immarkati Dok 1 u Dok 8 rispettivament.

(2) Il-Kumpanija, Air Supplies and Catering Co Ltd, ipprezentat hames dokumenti li gew immarkati Dok 3 sa Dok 7 u s-Sottomissjonijiet Preliminari u s-Sottomissjonijiet Finali li gew immarkati Dok 2 u Dok 9 rispettivament.

5. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Iz-zewg partijiet, fis-Sottomissjonijiet Finali, fethu hafna fuq dak li qalu fis-Sottomissjonijiet Preliminari u dak li qalu x-xhieda waqt is-smiegh tal-kaz, kif ukoll id-dokumenti relevanti.

6. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

(1) Il-kaz huwa mibni fuq is-sospensjoni tas-Sur L Sapiano li l-General Workers' Union ma accettatx u li minhabba f'hekk inholqot Tilwima Industrijali bejn it-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers' Union u l-Kumpanija, Air Supplies and Catering Co Ltd.

It-Tribunal Industrijali ma kienx ikun kompitenti li jisma dan il-kaz kieku dan kien maghmul mis-Sur Sapiano personali ghax kaz ta' sospensjoni ma jaqghax taht l-Att XXX ta' l-1976. Izda billi l-kaz zviluppa f'Tilwima Industrijali, it-Tribunal Industrijali kien kompetenti li jisma dan il-kaz skond l-Artikolu 26(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976.

(2) Is-Sur Louis Sapiano gie sospis mix-xoghol minghajr paga ghal tliet xhur wara incident li fih is-Sur Sapiano, Assistant Officer tal-Kumpanija, hepp ghas-Sur J F Mamo, il-General Manager ta' l-istess Kumpanija.

.../5

(3) Minn xhieda okkulari, it-Tribunal Industrijali ghandu certezza morali li s-Sur L Sapiano attakka lis-Sur J Mamo fizikament u b'hekk ikkommetta att ta' insubordinazzjoni serja.

Il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija, wara li kellu rapport minn Bord ta' Investigazzjoni, iddecieda li jaghzel it-triq tas-sospensjoni u ordna li s-Sur L Sapiano jigi sospis minghajr paga ghal tliet xhur, li f'terminu monetarju jfisser li s-Sur L Sapiano tilef is-somma ta' hames mija u disa u sittin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM569.41,0) li fir-rejalta huma ftit inqas mir-remunerazzjoni ezatta ta' tliet xhur.

Dan gara ghaliex is-salarju tax-xahar ta' qabel kien ga nhaddem u l-Kumpanija ma naqsetx id-differenza.

(4) Ir-rapport mediku ta' Dr A Bonnici ma halla l-ebda dubju fuq dak li gara ghalkemm ma rrizulta xejn serju.

(5) It-Tribunal ikkonsidra wkoll li ghalkemm is-Sur J E Mamo baghat ghall-pulizija waqt l-incident, ma ttiehdu l-ebda passi kontra s-Sur Louis Sapiano. Dan ifisser li l-Kumpanija ma nsistiex fuq dan u li l-pulizija ma kelliex quddiema xi kaz li bilfors riedet tipprocedi.

(6) Fid-dawl ta' kaz car, it-Tribunal Industrijali hass li l-Kumpanija kellha ragun li tatwa sospensjoni. Fl-istess hin, it-Tribunal sar jaf, minn dokumenti pprezentati waqt is-smiegh tal-kaz, li l-ahhar sentenza fl-ittra tas-Sur Mamo lic-Chairman tal-Kumpanija datata 7 ta' Dicembru, 1983 tghid: "As far as I am concerned, Mr Sapiano had apologised and in return I reciprocated." Dan juri li l-mottiv li ghalih qam l-incident kien jirrigwardja lil Mamo daqs kemm kien jirrigwardja lil Sapiano. It-Tribunal ghandu certezza morali li s-Sur L Sapiano hepp ghas-Sur J Mamo taht xi forma ta' ritaljazjoni, li bhal kull esseru human, galietu jitlef is-sens f'sahna ta' demm ikkagunata minn cirkostanzi li bilfors urtaw lil Sapiano bis-shih.

(7) It-Tribunal Industrijali ha konjezjoni ta' l-Artikolu 27 fil-ftehim kollettiv li sospensjoni, anki minghajr paga, tista issir izda mhux ghal aktar minn tliet (3) ijiem.

.../6

L-istess Artikolu jitkellem ukoll fuq id-dritt tal-haddiem li jiddefendi ruhu fuq akkuzi migjuba kontrih, li, mis-smiegh tal-kaz, deher li dawn il-proceduri ma gewx osservati fis-sens precis li ghalih gew maghmula.

(8) It-Tribunal Industrijali kkonsidra wkoll li Sapiano ma kellu l-ebda twissija la bil-miktub u lanqas bil-fomm, la fuq xogholu u lanqas fuq il-karattru tieghu. Fil-fatt, lanqas waqt is-smiegh tal-kaz, hadd ma kkommenta fuq il-karattru tas-Sur Sapiano, anzi deher bic-car li kulhadd ried bhalikieku jiskuza lill-kullhadd.

(9) It-Tribunal Industrijali iried jghamilha cara li ghalkemm skond l-Att XXX ta' l-1976 ma ghandux ghalfejn jaghti dettalji ghal kif wasal ghad-Decizjoni, it-Tribunal irrelata l-konsiderazzjonijiet fid-dettal sabiex it-Tribunal jizgura li l-gustizzja mhux biss qieghda ssir, izda tidher li qeghda ssir u sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju la minn min ihaddem u lanqas minn min jahdem li t-Tribunal ikkonsidra fid-dettal il-bilanc ta' possibiltajiet tal-provi ta' x'gara fil-konfront tac-cirkostanzi li dehru bic-car waqt is-smiegh tal-kaz.

7. <u>DECIZJONI</u>

It-Tribunal isostni li l-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija wrew bilanc rakkomandabbli hafna billi wzaw il-kastig tas-sospensjoni. Izda t-Tribunal huwa cert mill-bilanc tal-provi u l-kwadru tal-kaz li Sapiano bilfors kien urtat hafna b'xi haga serja biex wasal li jitmashan bil-mod li ghamel. Ghal-daqstant, ghalkemm Sapiano huwa hati ta' insubbordinazzjoni kbira, fil-prattika dan sar f'sahna ta' demm ikkagurata minn provokazjoni ghal xi raguni serja li urtatu l-fuq mill-limiti tar-raguni.

Wara li t-Tribunal Industrijali pogga kollox f'mizien, inkluz il-fatt li l-Kumpanija stess waslet biex taghti kastig ta' sospensjoni, it-Tribunal Industrijali mis-smiegh tal-kaz ra li l-effett ta' possibiltajiet juri li l-agir ta' Sapiano kien ir-rizultat ta' rejazzjoni fuq xi kwistjoni li kella fiha liz-zewg partijiet involuti fil-kaz.

Taht cirkostanzi bhal dawn, it-Tribunal Industrijali kkonsidra li sospensjoni ta' tliet xhur minghajr paga kienet iebsa, ghaliex waqt li l-att li sar huwa fih innifsu gravi, ir-raguni ghaliex sar ma tistghax ma tigiex meqjusa mit-Tribunal bhalma fil-fatt bilfors giet meqjusa mill-Bord tad-Diretturi.

It-Tribunal Industrijali ddecieda li ghalkemm l-Att XI ta' l-1952 ma jippermettiex tnaqqis mill-paga, li skop tas-sospensjoni kien skop ta' kastig li ma jaqghax la taht l-Artikolu 18 u lanqas taht l-Artikolu 20 ta' l-Att XI ta' l-1952.

It-Tribunal Industrijali, wara li studja bir-reqqa il-kaz, iddecieda li l-kastig ta' sospensjoni kien gust u li l-Kumpanija kienet ragonevoli fid-decizjoni taghha, izda l-perjodu ta' sospensjoni ta' tliet xhur minghajr paga huwa wisq.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jordna li l-Kumpanija Air Supplies and Catering Co Ltd tirrifondi lura d-dhul kollu ta' xaghar u nofs, dovut lis-Sur Louis Sapiano fi zmien xaghar mid-data ta' dan l-Award.

It-Tribunal Industrijali jordna wkoll li xi noti mnizzlin fil-file tas-Sur Sapiano fuq dan il-kaz jigu mhassra ghar-ragunijiet imsemmijien hawn fuq u ghaliex ghadda perjodu twil ta' kwazi sentejn minn mindu sar il-kaz.

B'din id-Decizjoni, it-Tribunal Industrijali jtemm din it-tilwima tax-xoghol.

ANTHONY J BARTOLO
Chairman

PAUL CAMENZULI
Membru

ARMANDO SEYCHELL
Membru

A. Bartolo Parnis
Segretarju

Data: 30 t'Ottubru, 1985

ja